



Brussell, 14 ta' Mejju 2020
(OR. en)

7840/20

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0148(COD)

CODEC 359
ENER 109
ENV 222
TRANS 197
CONSOM 79
PE 17

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	ADOZZJONI TA' ATTI LEGALI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza tal-fjuwil u parametri oħra, li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1369 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009 - Eżitu tat-tieni qari tal-Parlament Ewropew, (Brussell, it-13 sas-16 ta' Mejju 2020)

I. VOT

Fit-13 ta' Mejju 2020, il-President tal-Parlament Ewropew iddikjara l-pożizzjoni tal-Kunsill¹ fl-ewwel qari bħala approvata mingħajr emendi.

It-test tar-risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew huwa mehmuż ma' din in-nota.

¹ ST 14649/19 REV 2.

II. ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Billi l-Parlament Ewropew approva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi, l-att inkwistjoni jitqies li ġie adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, kif previst fl-Artikolu 294 (7)(a) TFUE.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Kunsill u s-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet, l-att ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

It-tikkettar tat-tajers: effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri essenzjali oħra
*****II**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri oħra, li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1369 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009 (14649/2/2019 – C9-0078/2020 – 2018/0148(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (14649/2/2019– C9-0078/2020),
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari² dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2018)0296),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-komitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Komitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A9-0094/2020),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
 2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

² Testi adottati, 26.3.2019, P8_TA(2019)0230.

